Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 46/2011

**Julia Farrugia (appellata)**

**Vs**

**Daphne Caruana Galizia (appellanta)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara sensiela ta' posts li deheru fis-sit tal-konvenuta bl-isem, *Daphne Caruana Galizia's Notebook: Running Commentary*.

2. Il-konvenuta wiegbet:

   i. Il-konvenuta m'hijiex editrici u lanqas responsabbli ghall-kitba ta' terzi.
   ii. Dak li kitbet hu fair comment dwar fatti li huma sostanzjalment veri.

3. B'sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2015 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet u:

   *"Tilqa t-talbiet attrici kif dedotti u*

   *Tiddikjara illi permezz ta' varji publikazzjonjiet bejn id-9 ta' Frar 2010 u is-16 ta' Frar 2011, kif jirrizulta aktar fid-detall aktar 'l fuq fid-decizjoni, l-intimata mmalafamat u illibellat lir-rikorrenti billi, fuq is-sit taghha www.daphnecaruanagalizia.com, ippubblikat kif ukoll ippermettiet lill-terzi jippubblikaw kliem u allegazzjonijet illi attakkaw l-integrita' u reputazzjoni taghha, sija personali kif ukoll professjonali, u ghalhekk*

   *Tikkundanna lill-intimata, in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248, ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000).*

   *Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimata.*

   *Imghax ikun dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv".*

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravju sar biss dwar it-tieni eccezzjoni, in kwantu l-konvenuta ghadha ssostni li dak li qalet kien *fair comment*.

5. L-attrici wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud, u pproponiet appell incidentali peress li tippretendi li l-ewwel qorti kellha tillikwida kumpens iktar oghli minn tlett elef ewro (€3,000).

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. **<u>Fatti.</u>**

i. L-attrici pprezentat il-kawza wara sensiela ta' *posts* li deheru fuq sit tal-internet bl-isem: *"Daphne Caruana Galizia's Notebook: Running Commentary"*.

ii. Flimkien mal-avviz li bih inbdew dawn il-proceduri, l-attrici pprezentat kopja tal-*posts* li ssostni li huma malafamanti.

iii. Il-*posts* jinkludu fost'affarijiet ohra:

(a) 29 ta' Jannar, 2010[1] – il-konvenuta kitbet: *"These bitches - …… Julia Farrugia …… have no experience of, or respect for, the dynamics of a long marriage"*.

(b) 7 ta' Frar, 2011 – *"My daddy was Karmenu Vella' driver and they say he used a submachine gun to shoot at Nationalist Party clubs in December 1986, but I don't believe them and that's why I went to work for Super One until Saviour Balzan and Roger de Giorgio gave me a job at the Labour Party's unofficial English-language newspaper. One of the key journalists in Saviour Balzan's and Roger de Giorgio's stable at Malta Today and Illum is the daughter of the man who was Karmenu Vella's driver when he was a minister in the hideous 1980s"*. Dakinhar stess saret post minn xi hadd Rover, fejn qal: *"You would think that anyone with such a stench of violent history in her family would shut up and keep a low profile. Not so this self-appointed freedom fighter who was still in her nappies when il-Botom was spraying bullets on Nationalist Party clubs"*.

(c) 7 ta' Frar, 2011 – il-konvenuta kitbet: *"Karmenu Vella told the Labour Party conference yesterday that he wants to be left alone…..His frustration must be enormous. The days are long gone when il-Botom, his driver and Illum editor Julia Farrugia's father, could be relied upon to go out with a submachine gun and let rip at Enemies of The People"*.

(d) 9 ta' Frar, 2010 – jissemma li l-attrici kitbet, *"… ma tantx kont diplomatika waqt l-assignments ! l-aktar x'hin pruvaw jixtruni ghal 300 camel :)"*. Il-kumment tal-konvenuta kien: *"Three hundred camels ? It doesn't seem like a fair swap for one cow. Ahjar tghid lil tal-Labour biex jaghmlu daqxejn kontroll fuq il-prezzijiet"*.

(e) 3 ta' Marzu, 2010 – hemm ritratt tal-attrici u tahtu l-kliem: *"I can twist that Malcolm round my little finger. Oh, and please don't ask who shot Raymond Caruana"*.

[1] Prezentat mill-attrici waqt li kienet qeghda tixhed fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2011.

(f) 8 ta' Marzu, 2010 – *"And another one for his Super One camera ? After all, Julia Farrugia ta' Saviour Balzan and the Institute of Maltese Journalists went to SO much trouble to raise money for that camera, taking her clothes off on Comino in winter, that we wouldn't want it to get ruined now, would we ?"*.

**Konsiderazzjoni.**

8. Il-konvenuta ddefendiet ruhha billi qalet li:

i. m'hijiex editrici u responsabbli ghall-kitba ta' terzi;

ii. dak li kitbet hu *fair comment*.

9. Fir-rikors tal-appell iddikjarat:

*"(i) L-esponenti mhix ser tibqa' tinsisti fuq l-eccezzjoni preliminary taghha cioe illi mhix editrici u mhix responsabbli ghal kitba ta' terzi; izda dan l-appell huwa ristrett ghat-tieni eccezzjoni cioe dik tal-fair comment"*.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni, tibqa' rilevanti biss it-tieni eccezzjoni li dwarha l-ewwel qorti qalet:

*"Mill-provi kollha prodotti, jirrizulta ampjament ippruvat illi l-intimata, tul sensiela ta' artikoli minnha miktuba w lkoll ikkwotati u semmija mir-rikorrenti, ghaddiet insinwazzjonijiet u kummenti offensivi fil-konfront tar-rikorrenti, fejn, fost affarjiet, irriferit ghaliha bhala "cow" u "bitch" kif ukoll insinwat illi hija prostituta u li tinza hwejjigha fil-pubbliku.*

*Jirrizulta ben ippruvat illi tul l-artikoli kollha, l-intimata tippersisti tirriferi ghar-rikorrenti bhala bint Karmenu Farrugia illi kien gie indikat minn xhud bhala il-persuna responsabbli tal-qtil politiku ta' Raymond Caruana illi sehh fil-5 ta' Dicembru 1986, minkejja illi hija kienet ghadha tifla zghira, u tghaddi biex taghmel analogiji ripetuti bejnha u bejn missierha fejn sahansitra tallega illi "at least she's not going to use a submachine gun on me (I hope)." (fol 150)*

*Il-Qorti tosserva illi l-kummenti maghmulha mill-intimata ma jistghux jitqiesu bhala 'fair comment' ghax, fost affarjiet ohra, li tghid illi ghall anqas ma kienetx ser tuza s-submachine gun fuqha taghti x'tifhem lill qarrej ordinarju illi attwalment r-rikorrenti gia uzat is-submachine gun fuq ohrajn u l-intimata qiegdha tispera li ma hijiex ser tuzaha fuqha wkoll. Tali kummenti juru l- 'animus injuriandi' illi kellha l-akkuzata waqt illi kienet qed tikteb l-artikoli fejn tissemma r-rikorrenti"*.

10. Ghal dak li jikkoncerna t-tieni eccezzjoni, fir-rikors tal-appell il-konvenuta qalet:

*"(vii) Mhux ikkontestat illi (a) Raymond Caruana miet assassinat; (b) illi Ganni Psaila, l-uniku xhud li identifika lill-assassin, ddikjara bil-gurament illi l-assassin kien Karmenu Farrugia, il-Botom; sfortunatament ftit granet wara li xehed, Ganni Psaila instab mejjet f'xaft li fih kien waqa' (c) l-attrici hija bint Karmenu Farrugia, mlaqqam il-Botom.*

*(viii) Fix-xhieda taghha (seduta tas-7 ta' Frar 2014) u fil-kontro-ezami tal-intimata (seduta tas-6 ta' Novembru, 2014), l-intimata spjegat ghaliex u f'liema kuntest hasset illi ghandha ssemmi lir-rikorrenti bhala bint Karmenu Farrugia, il-Botom. L-esponenti hasset illi ghandha tikkritika lir-rikorrenti dwar il-fatt illi ma ddikjaratx il-conflict of interest taghha meta, bhala gurnalista u editrici ta' gazzetta, jigu ppubblikati artikoli illi ghandhom x'jaqsmu mal-kaz; r-rikorrenti ma ddikjaratx tali conflict of interest u l-esponenti hasset li ghandha tizvela tali kunflitt. Qari akkurat tal-artikli semmai jimmalafamaw lill-missier ir-rikorrenti, izda missier ir-*

*rikorrenti ma ntavola ebda kawza. L-intimata taghmilha cara (ir-rikorrenti 'was still in her nappies when il-Botom was spraying bullets on Nationalist Party Clubs") illi r-rikorrenti ma kellha ebda 'input' dirett jew indirett f'dawn l-incidenti vjolenti u li fil-pubblikazzjoni in kwistjoni, l-esponenti qed titkellem dwar Karmenu Farrugia, missier ir-rikorrenti. Ghalhekk il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti (fol. 9) tas-sentenza illi 'l-esponenti rriferiet diversi drabi ghall-attrici bhala bint Karmenu Farrugia …. Minkejja illi hija (l-attrici) kienet ghadha tifla zghira (meta gara l-qtil ta' Raymond Caruana)' mhux gust billi dan intqal mill-esponenti stess.*

*(ix) Ghalhekk jirrizulta illi l-fatti ppubblikati huma sostanzjalment korretti; huma l-kummenti li dwarhom qed tilmenta r-rikorrenti Farrugia; izda kif fuq citat l-ECHR stabbiliet illi huma dawn il-kummenti (value judgments) li anke meta dawn 'offend, shock and disturb' jew li huma 'azzardati' li persuna ghandha d-dritt li tesprimi b'impunita ghax koperti mid-dritt fundamentali tal-Freedom of Expression".*

11. Hu fatt li l-attrici hi bint Carmel Farrugia, li jidher li f'proceduri kriminali kien gie mplikat minn xhud (Ganni Psaila) li kellu l-arma tan-nar li biha kien nqatel Raymond Caruana meta kienu sparati tiri fid-direzzjoni tal-kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa Hal-Tarxien. Fil-*posts* li dwarhom ilmentat l-attrici, il-konvenuta:

i. implikat b'mod sottili lil Karmenu Farrugia bhala l-persuna li spara l-arma li biha nqatel Raymond Caruana. Hekk per ezempju fil-post tat-3 ta' Marzu 2010 taht ritratt tal-attrici, kitbet: *"I can twist that Malcolm round my little finger. Oh, and please don't ask who shot Raymond Caruana"*. Kliem li bih il-konvenuta timplika li l-attrici taf min kien wettaq dan l-omicidju nfami. Ovvjament sabiex wiehed jifhem dak li l-konvenuta kienet qeghda timplika, irid jaqra l-*posts* kollha li kitbet u li fihom riferenza ghall-attrici u ghal missierha. Fir-rikors tal-appell l-attrici qalet li m'huwiex kontestat *"(b) illi Ganni Psaila, l-uniku xhud li identifika lill-assassin, ddikjara bil-gurament illi l-assassin kien Karmenu Farrugia, il-Botom;…."*

ii. qalet li Karmenu Farrugia kien johrog b'*submachine gun* u jispara *"at Enemies of the People"*.

Dikjarazzjonijiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' *value judgment* jew *fair comment*, izda huma *statement of fact*. Il-konvenuta ma llimitatx ruhha sabiex tirrapporta l-fatti li Ganni Psaila kien semma snin qabel meta xehed fi proceduri kriminali, izda rraportathom daqslikieku hemm certezza li kienu l-verita. Ghal dak li jirrigwarda d-difiza ta' *fair comment*:

*"…. Relates only to comment – to statements of opinion and not to statements of fact…* ***A defamatory statement of fact must be justified (i.e. proved true)*** *– which is a much more onerous task than defending a defamatory comment on the basis that it was made honestly"*[2].

Dan apparti li wara l-*post* tal-konvenuti saru kummenti wkoll minn terzi, li ghalihom l-attrici hi wkoll responsabbli bhala s-sid tal-website (ara dak li

[2] *Media Law*, G. Robertson and A. Nicol (2007), pagna 150.

ddecidiet l-ewwel qorti fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni u fir-rigward ta' liema l-konvenuta m'appellatx). Hekk per ezempju fis-7 ta' Frar, 2011 – *"Rover says: …… Not so this self-appointed freedom fighter who was still in her nappies when il-Botom was spraying bullets on Nationalist Party clubs"*. M'hemmx prova li l-konvenuta nehhiet din il-*post*.

12. Il-konvenuta argumentat li semmai kien biss missier l-attrici li kellu jhossu malafamat b'dak li kitbet. Il-qorti ma taqbilx. Fil-*posts* ripetutament tissemma l-attrici, u ghall-qorti hu evidenti li kienu ntizi sabiex f'ghajnejn il-pubbliku jtellfulha r-reputazzjoni bhala gurnalista u editrici ta' gazzetta lokali, minhabba li skont il-konvenuta missier l-attrici wettaq vjolenza politika li wasslet ukoll ghal qtil ta' persuna. Il-konvenuta attakkat ir-reputazzjoni tal-attrici billi ghamlet riferenza ghall-*family background* taghha. Reputazzjoni li l-attrici ghandha kull jedd tiddefendi. Fil-fatt il-messagg li l-konvenuta riedet taghti tant kien *loud and clear* li whud mill-kumment li nkitbu minn terzi jaqraw:

   - Kukkudrill: *"And we're supposed to read articles about politics and politicians, written by it-tifla tal-Bottom, and take them seriously. Halluna, tridux"*.

   - Hot Mama: *"Then she has no right to call herself a journalist for this profession calls for meticulous research and incisive reporting"*.

   - Mario Lanza: *"May I outlive Julia ….. to bury them"*.

   - Rover: *"You would think that anyone with such a stench of violent history in her family would shut up and keep a low profile"*.

   - Antoine Vella: *"So Julia Farrugia is figlia d'arte"*.

   - J. Busuttil: *"Kif jista' jkun li l-gazzetta Illum tkun indipendenti b'Julia Farrugia (it-tifla tal-Botom) bhala editur ?"*

   Ezempji li juru kemm il-konvenuta kien qieghed jirnexxielha fl-intenzjoni hazina li kellha.

13. Il-kitba tal-konvenuta ipingi lill-attrici bhala persuna mhux kredibbli biex tikteb u titkellem dwar certu suggetti relatati mal-politika, u dan minhabba li ssostni li missierha kien spara *submachine gun* fuq kazini tal-Partit Nazzjonalista. Fatt li l-konvenuta qisitu bhala veru ghas-semplici raguni li qalet li hekk xehed Ganni Psaila fil-qorti. Fl-ewwel lok lanqas biss ma giet prezentata t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li Psaila kien ta fil-qorti. Inoltre, ghaliex Ganni Psaila seta' mplika lill-missier il-konvenuta f'incident li fih gew sparati tiri fuq kazini tal-Partit Nazzjonalist, ma jfissirx li hi l-verita. Apparti li Farrugia cahad l-allegazzjoni, lanqas m'hemm provi li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu u li nstab hati.

14. Id-dritt fundamentali tal-liberta tal-espressjoni ma jissarrafx f'xi dritt li tikkalpesta r-reputazzjoni ta' haddiehor. Tant il-konvenuta kellha l-intenzjoni tattakka r-reputazzjoni tal-attrici minhabba li ttimbrat lil missierha bhala

kriminal u li l-attrici zammet dak il-fatt mistur, li fir-rigward ta' post: *"Oh, and had I told you ? Julia Farrugia, editor of Saviour Balzan's Illum, is Il-Botom's daughter – Karmenu Vella's driver and the man implicated in court testimony as having shot at PN clubs with a submachine gun"*, il-konvenuta kkummentat: *"It-tifla tal-Botom, tippriedka dwar il-liberta tal-istampa u l-vjolenza fuq il-gurnalisti. Ahjar nidhaq, jahasra"*. Ghall-konvenuta minhabba l-agir vjolenti ta' missierha, fatt li tghid x'tghid il-konvenuta baqa' ma giex ippruvat, postha m'huwiex fil-gurnalizmu.

15. Peress li dak li l-konvenuta rreferiet ghalihom bhala kummenti huma mibnija fuq fatti li jixbhu kastell tar-ramel, ma setatx tirnexxi fid-difiza taghha.

16. Dan apparti *posts* ohra li ssemmew hawn fuq fejn il-konvenuta insolentat lill-attrici, bhal per ezempju dak tad-9 ta' Frar, 2010 fejn iddeskriviet lill-attrici *'cow'*. Dan it-tip ta' lingwagg ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-ghan tal-konvenuta wara dawk il-posts kollha ma kien xejn ghajr attakk personali gratuwitu fuq l-attrici minhabba l-*backgound* politiku taghha.

17. Ghal dak li jirrigwarda l-appell incidentali, l-attrici ssostni li s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) li l-ewwel qorti kkundannat lill-konvenuta sabiex thallasha, hi baxxa wisq. Filwaqt li l-qorti tikkundanna l-kampanja ta' persekuzzjoni li l-konvenuta mexxiet kontra l-attrici ntiza biss biex twaqqalha r-reputazzjoni fil-pubbliku minhabba l-affiljazzjoni politika taghha, wieħed irid jiftakar li l-kumpens li tat l-ewwel qorti huma fir-realta danni morali. Wiehed jista' jistaqsi ghalfejn mhux kumpens inqas jew iktar ? Jibqa' l-fatt li l-ewwel qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha meta tigi biex tiffissa l-kumpens li ghandu jithallas f'kawzi ta' din ix-xorta. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tvarja dik id-diskrezzjoni facilment. Ghalkemm il-*posts* saru fuq medda ta' zmien u komplew ukoll wara li giet prezentata l-kawza, il-qorti m'hijiex konvinta li hemm bazi sabiex izzid il-kumpens.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell, spejjez a karigu tal-appellanti.**
2. **Tichad it-tieni talba tal-appell incidentali[3], bl-ispejjez a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.

[3] Dwar l-ewwel talba m'hemmx ghalfejn ta' xi dikjarazzjoni mill-qorti gialadarba l-appell tal-konvenuta gie michud.